C/2024/1565

5.3.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kriżi klimatika u l-effett tagħha fuq gruppi vulnerabbli"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/1565)

Relatur: **Ioannis VARDAKASTANIS**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.2.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	21.11.2023
Adozzjoni fil-plenarja	13.12.2023
Sessjoni plenarja Nru	583
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	152/00/04

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-kriżi klimatika diġà kkontribwiet għaż-żieda ta' avvenimenti estremi tat-temp bħal maltempati, nirien forestali, u għargħar li jaffettwaw serjament komunitajiet vulnerabbli madwar id-dinja u joħolqu ħtieġa urġenti għal miżuri ta' adattament u bini tar-reżiljenza tal-komunità. Din ix-xejra diżastruża qed tinfirex f'reġjuni ġodda li ma esperjenzawx fenomeni rapidi bħal dawn qabel. Huwa meħtieġ approċċ kollettiv u integrattiv, u fl-istess waqt il-partijiet ikkonċernati kollha għandhom iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom. L-arsenal politiku u legali għandu jissaħħaħ, u l-implimentazzjoni eżistenti għandha tissaħħaħ saħansitra aktar.

1.2. Filwaqt li l-kriżi klimatika hija mistennija li jkollha effetti negattivi profondi għall-pajjiżi u l-klassijiet soċjali differenti, il-gruppi vulnerabbli se jħallsu prezz sproporzjonatament għoli. In-nisa, it-tfal, il-foqra, il-persuni qiegħda, il-minoranzi, l-immigranti u l-persuni b'diżabilità se jintlaqtu b'mod qawwi mill-effetti tal-kriżi klimatika u jħallsu prezz ogħla mill-medja minħabba nuqqasijiet politiċi fil-livell nazzjonali, Ewropew u globali.

1.3. Il-gruppi vulnerabbli huma inqas ippreparati biex jiffaċċjaw l-isfidi li l-kriżi klimatika se toħloq għall-istandards tal-għajxien tagħhom fis-snin li ġejjin u għandhom ukoll inqas riżorsi disponibbli biex jiksbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom għalhekk tinsab f'riskju sinifikanti.

1.4. L-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni ġusta għandhom jiġu enfasizzati, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'attenzjoni speċjali lil setturi essenzjali bħat-turiżmu u l-agrikoltura.

1.5. Kwistjonijiet ta' ġustizzja, ekwità u inklużjoni huma ta' importanza kbira, peress li l-bidu tal-era tal-enerġija ekoloġika tista' taggrava l-inugwaljanzi eżistenti tal-introjtu u soċjali. Inizjattivi bħall-Fond Soċjali għall-Klima tal-UE u l-Fond ta' Aġġustament għall-Klima tal-UE ([1]) huma milqugħa u kruċjali iżda jeħtieġ li jiġu ssupplimentati bi strumenti addizzjonali sabiex l-isfidi kollha u d-domandi ta' tranżizzjoni jiġu ssodisfati b'mod effettiv. L-enfasi fuq it-tfal u kwistjonijiet ta' ġustizzja interġenerazzjonali hija essenzjali.

1.6. L-għoti ta' opportunitajiet lill-gruppi vulnerabbli biex jiksbu ħiliet li huma siewja fl-ekonomija ekoloġika huwa kompitu formidabbli u pass essenzjali għall-prevenzjoni tal-faqar enerġetiku.

([1]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Fond ta' Aġġustament għall-Klima ffinanzjat mill-Koeżjoni u min-NextGenerationEU" (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 23).

1.7. Strumenti supplimentari biex jiġu indirizzati l-isfidi u d-domandi tat-tranżizzjoni tal-enerġija huma ta' importanza primarja. Il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jistgħu jgħinu wkoll biex jintlaħaq l-għan imsemmi hawn fuq li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, iżda hija meħtieġa b'mod urġenti aktar azzjoni biex tiġi żviluppata strateġija politika u soċjali komprensiva tal-UE. Iż-żieda fl-inċidenza ta' diżastri relatati mal-kriżi klimatika tenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kapaċità tal-UE li tirrispondi b'mod proattiv aktar milli reattiv għal dawn l-emerġenzi kollha. Il-Fond ta' Aġġustament għall-Klima jista' jirriżulta bħala għodda ta' importanza kbira f'dak ir-rigward.

1.8. Huwa importanti ferm li ssir analiżi tal-intersezzjoni bejn l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-gruppi vulnerabbli u l-inugwaljanzi soċjali u l-fehim dwar kif it-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika jistgħu jaggravaw l-inġustizzji soċjali u ambjentali eżistenti, b'mod partikolari minħabba l-potenzjal li l-komunitajiet emarġinati jġorru piż sproporzjonat tal-kriżi klimatika. L-investigazzjoni tal-esponiment sproporzjonat tal-komunitajiet emarġinati għat-tniġġis tal-arja u l-effetti negattivi tiegħu fuq is-saħħa fiżika u mentali li jirriżultaw mill-post fejn jinsabu l-faċilitajiet industrijali fil-viċinati tagħhom hija eżempju tajjeb ta' dan. Il-miżuri li jappoġġjaw lill-gruppi vulnerabbli u lill-unitajiet domestiċi affettwati għandhom ikunu bbażati fuq perspettiva olistika, u jinkludu l-użu ta' strumenti tal-politika soċjali ([2]).

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-fallimenti ta' politika fil-livell nazzjonali, Ewropew u globali, fir-rigward tal-kriżi klimatika, jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-gruppi vulnerabbli, u l-isfidi li jaffaċċjaw gruppi vulnerabbli fl-adattament u l-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima huma formidabbli. L-aċċess tal-gruppi vulnerabbli għar-riżorsi disponibbli għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih għadu limitat. Pereżempju, ta' min janalizza kif avvenimenti estremi tat-temp jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-komunitajiet emarġinati, bħall-għargħar f'viċinati b'introjtu baxx li jwassal għall-ispostament u t-telf tal-għajxien.

2.2. Il-faqar enerġetiku diġà rriżulta li hu sfida soċjali ewlenija fil-bidu tal-kriżi tas-suq tal-enerġija kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-isfidi soċjali li jirriżultaw mill-kriżi tas-suq tal-enerġija kkawżata minn avvenimenti strateġiċi jirrikjedu miżuri urġenti biex tiġi indirizzata l-isfida u tiġi żgurata l-ugwaljanza soċjali, peress li l-kriżi klimatika u t-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika wasslu għal żieda fl-għoli tal-ħajja. Dan x'aktarx li se jiżviluppa f'theddida għall-ugwaljanza soċjali fl-Ewropa sakemm ma jittieħdux miżuri urġenti.

2.3. In-nisa, b'mod partikolari fin-Nofsinhar Globali, se jkunu żvantaġġati ħafna mill-kriżi klimatika. F'reġjuni fejn il-faċilitajiet WASH (ilma, sanità u iġjene) mhumiex biżżejjed u n-nisa għadhom responsabbli għall-provvista tal-ilma fid-djar tagħhom, il-kriżi tal-ilma se żżid piż kbir. Barra minn hekk, l-aċċess tan-nisa għall-impjiegi, l-istabbiltà tal-introjtu, l-istandards tal-għajxien u s-sigurtà tal-impjiegi se jkun imfixkel ukoll minn tfixkil ekonomiku li aktarx se jinħoloq mill-kriżi klimatika.

2.4. Il-bdiewa x'aktarx li jiffaċċjaw sfidi bla preċedent hekk kif id-dežertifikazzjoni u theddid ieħor ta' stress idriku huwa mistenni li jolqot il-Mediterran u reġjuni agrikoli ewlenin oħra tal-Ewropa bħall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. L-agrikoltura x'aktarx li ssir insostenibbli f'żoni kbar tan-Nofsinhar tal-Ewropa fejn il-livelli tax-xita li qed jonqsu u l-ġestjoni mhux sostenibbli tal-ilma jwasslu għal skarsezzi kritiċi tal-ilma. Għad mhemmx biżżejjed għarfien dwar il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tibdil fix-xejriet tax-xita u l-istress tas-sħana fuq ir-rendimenti tal-għelejjel u l-għajxien.

2.5. Il-foqra li jgħixu f'żoni urbani huma mistennija wkoll li jiffaċċjaw diffikultajiet formidabbli biex jadattaw għall-kundizzjonijiet tal-kriżi klimatika. Peress li jgħixu fil-viċinati l-inqas sostenibbli u ambjentalment sikuri ta' bliet kbar, dawn se jiffaċċjaw tnaqqis qawwi fl-istandards tal-għajxien tagħhom mingħajr ma jkollhom il-ħiliet u r-riżorsi biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Barra minn hekk, l-individwi f'dawn il-gruppi soċjalment vulnerabbli għandhom madwar 15 % aktar probabbiltà li attwalment jgħixu f'żoni bl-ogħla żidiet previsti ta' dijanjożi tal-ażma fit-tfulija minħabba żidiet fit-tniġġis tal-arja bil-materja partikolata ikkawżati mill-klima, u f'żoni bl-ogħla perċentwal ta' art mbassar li jkun taħt l-ilma minħabba żieda fil-livell tal-baħar ([3]).

([2]) https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/cost-climate-change-households-and-families-eu

([3]) L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), *Climate Change and Social Vulnerability in the United States: A Focus on Six Impacts* (It-tibdil fil-klima u l-vulnerabbiltà soċjali fl-Istati Uniti: enfasi fuq sitt impatti [mhux disponibbli bil-Malti]), Washington DC: L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), 2021.

2.6. Il-komunitajiet tal-gżejjer u tal-kosta se jiġu affettwati b'mod partikolari, peress li l-erożjoni tal-art u l-livelli tal-baħar li qed jogħlew se jkunu ta' sfida għall-għajxien tagħhom u joħolqu dubji dwar is-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi tradizzjonali. Dan jinkludi komunitajiet li jgħixu f'atolls u viċin l-iskollijiet tal-qroll fl-oċeani tal-Atlantiku, tal-Paċifiku u tal-Indja.

2.7. Il-komunitajiet indiġeni mill-Artiku sal-Amażonja u mill-Indoneżja sal-Kongo x'aktarx li jiffaċċjaw pressjoni enormi fuq l-għajxien tagħhom minħabba l-effett tal-kriżi klimatika fuq l-ekosistema u l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. Hemm bżonn li jiġu eżaminati l-vulnerabbiltajiet u l-impatti speċifiċi tat-tibdil fil-klima fuq il-komunitajiet indiġeni, kif ukoll li jiġu esplorati l-għarfien u l-prattiki tradizzjonali li jikkontribwixxu għar-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima.

2.8. Il-persuni b'diżabilità u l-persuni anzjani x'aktarx li se jiffaċċjaw sfidi formidabbli minħabba l-kriżi klimatika, hekk kif il-mewġiet tas-sħana jgħollu r-rati ta' mwiet fost gruppi vulnerabbli; barra minn hekk, l-aċċess għall-ispazju pubbliku se jiġi mfixkel bl-avvenimenti estremi tat-temp u bl-emerġenzi relatati mal-kriżi klimatika.

2.9. Il-kriżi klimatika x'aktarx li taffettwa b'mod sproporzjonat uħud mir-reġjuni tad-dinja li l-ekonomiji tagħhom għadhom jiddependu ħafna mill-agrikoltura, bħar-reġjun MENA u l-Afrika tas-sub-Saħara ([4]). Dan x'aktarx ifixkel l-ekonomiji ta' reġjuni kbar ħafna li huma bbażati fuq l-agrikoltura u jwassal għal destabbilizzazzjoni politika u żieda qawwija fil-pressjonijiet tal-migrazzjoni lejn it-Tramuntana Globali.

2.10. F'ħafna pajjiżi fejn il-gruppi ta' minoranza jiffaċċjaw inugwaljanza politika u soċjali, il-kriżi klimatika aktarx li se taggrava d-disparitajiet u l-inugwaljanzi eżistenti peress li l-gruppi dominanti se jgawdu aċċess preferenzjali għar-riżorsi komuni li qed jonqsu. L-aggravar tal-kunflitti eżistenti dwar l-ilma jista' jwassal għal aktar destabbilizzazzjoni tar-reġjuni li diġà qed ibatu minn kunflitt fit-tul, bħall-Iżrael u l-Palestina, is-Sirja u l-Libja.

2.11. Il-persuni akbar fl-età, minħabba l-mobbiltà mnaqqsa tagħhom u r-rabta akbar ma' djarhom x'aktarx li jiġu affettwati b'mod profond mill-kriżi klimatika, hekk kif il-mewġiet tas-sħana jżidu ir-rati ta' mwiet, u l-postijiet li jkunu għexu fihom għal għexieren ta' snin jinbidlu f'hotspots ta' kriżi klimatika. Eżempju ta' dan huwa l-anzjani fin-Netherlands li jgħixu f'żoni baxxi li huma partikolarment vulnerabbli għal livelli tal-baħar li qed jogħlew u riskju akbar ta' għargħar minħabba l-kriżi klimatika.

2.12. It-tfal huma l-inqas responsabbli għat-tibdil fil-klima, iżda huma ż-żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri li se jbatu l-konsegwenzi. Il-kwistjonijiet tal-ġustizzja interġenerazzjonali huma aspett essenzjali ta' kwalunkwe intervent ta' politika li jindirizza l-impatt tal-kriżi klimatika.

2.13. L-immigranti u r-refuġjati jibqgħu fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli għall-kriżi klimatika, peress li għadhom mhumiex protetti mill-istat soċjali tal-pajjiżi ospitanti rispettivi tagħhom u x'aktarx li jgħixu fil-viċinati u l-provinċji l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, l-immigranti u r-refuġjati għandhom l-aktar aċċess limitat għall-opportunitajiet li toffri t-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika.

2.14. L-isfidi ffaċċjati minn gruppi vulnerabbli f'żoni urbani minħabba t-tibdil fil-klima huma wkoll ta' importanza primarja. Huma essenzjali l-analiżi tal-impatti tal-mewġiet ta' sħana, tal-effett ġżira ta' sħana urbana u tal-għargħar fuq il-komunitajiet emarġinati fil-bliet u l-esplorazzjoni ta' strateġiji għat-tisħiħ tar-reżiljenza urbana u l-promozzjoni ta' miżuri ta' adattament ġusti. Pereżempju, l-analiżi tal-impatt taż-żieda fil-livelli tal-baħar fuq il-bliet kostali u l-ispostament potenzjali ta' komunitajiet b'introjtu baxx li jgħixu f'żoni suxxettibbli għall-għargħar.

2.15. Bħall-gruppi vulnerabbli, l-ekosistemi vulnerabbli jiffaċċjaw ukoll sfidi formidabbli fid-dawl tal-kriżi klimatika u jistħoqqilhom l-attenzjoni tal-komunità internazzjonali. F'ħafna każijiet, il-gruppi u l-komunitajiet vulnerabbli jiddependu minn ekosistemi li huma vulnerabbli. Minħabba dan, huma jiffaċċjaw riskji akbar kemm mill-perikli naturali kif ukoll minn dawk ikkawżati mill-klima. L-istrateġiji ta' adattament f'dan il-kuntest huma wkoll mistennija li jaffaċċjaw kompromessi u għażliet ta' politika importanti ([5]).

([4]) UCESA, Climate change and its consequences: The voice of the African citizens (Tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu: Leħen iċ-ċittadini Afrikani [mhux disponibbli bil-Malti]), Glasgow, 10 ta' Novembru 2021.

([5]) Grupp ta' Esperti tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati, *Considerations Regarding Vulnerable Groups, Communities and Ecosystems in the Context of the National Adaptation Plans*, Bonn: Is-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, 2018, p. 34, L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), Climate Change Impacts on Air Quality (L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-kwalità tal-arja [mhux disponibbli bil-Malti]).

2.16. Ħafna gruppi soċjalment vulnerabbli jgħixu f'żoni industrijali jew urbani b'livelli għoljin ta' tniġġis tal-arja. Il-komunitajiet Rom fl-Unjoni Ewropea huma aktar probabbli minn oħrajn li jgħixu f'żoni fejn it-tibdil relatat mal-klima x'aktarx li jkollu effetti negattivi fuq is-saħħa. Xi persuni huma wkoll aktar vulnerabbli għall-impatti fuq is-saħħa fiżika u mentali tat-tniġġis tal-arja minħabba li għandhom kundizzjonijiet mediċi kroniċi. Pereżempju, ċerti komunitajiet etniċi, gruppi b'introjtu baxx, popolazzjonijiet indiġeni u gruppi ta' immigranti għandhom rati ogħla ta' mard tal-qalb,ażma u mard pulmonari ostruttiv kroniku ([6]).

3. **It-tibdil fil-Klima, il-Gruppi Vulnerabbli u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija**

3.1. Il-gruppi vulnerabbli x'aktarx li jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti fit-tranżizzjoni lejn enerġija ġusta u nadifa. Iż-żieda fil-qgħad f'ċerti setturi minħabba din it-tranżizzjoni thedded gruppi li huma diġà sensittivi għar-riskji tal-qgħad li huma impjegati f'setturi bħall-agrikoltura, it-trasport, il-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-qgħad li jirriżulta minn din it-tranżizzjoni se jaffettwa lill-persuni li għandhom alternattivi limitati ta' impjieg, eż. minħabba li huma relattivament anzjani jew li ma għandhomx biżżejjed ħiliet professjonali biex jiċċaqilqu lejn settur ġdid.

3.2. Hemm ċaqliq importanti fil-prijoritajiet tar-riċerka mill-esplorazzjoni ta' avvenimenti klimatiċi jew ta' temp estrem lejn l-analiżi tal-modi li bihom in-nies u s-sistemi qed jesperjenzaw l-impatti u l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi sistemiċi li jaggravaw l-esponiment u l-vulnerabbiltà tagħhom. Il-fehim tal-impatti divrenzjati fuq il-popolazzjonijiet, il-komunitajiet u s-sistemi minħabba t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika huwa kritiku biex jiġu żviluppati azzjonijiet ta' rispons u adattament imfassla apposta li jinkludu firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u biex il-kostijiet tat-tranżizzjoni jinqasmu b'mod ġust u ekwu ([7]).

3.3. L-ispejjeż ogħla tal-għajxien marbuta mat-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika huma sfida iebsa li jeħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun sabiex it-tranżizzjoni tal-enerġija ma tispiċċax f'dawl ikrah mill-populisti u l-opportunisti.

3.4. L-unitajiet domestiċi u l-familji Ewropej x'aktarx li jsibuha aktar diffiċli biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-enerġija f'suq tal-enerġija li qed jinbidel b'rata mgħaġġla li huwa wkoll mhedded minn xokkijiet strateġiċi kbar. L-opportunità għall-unitajiet domestiċi u l-familji Ewropej biex isiru awtosuffiċjenti fl-enerġija billi jipproduċu l-enerġija tagħhom stess b'sorsi rinnovabbli għadha mhix esplorata biżżejjed.

3.5. Għandhom jiġu analizzati bir-reqqa l-konsegwenzi fuq is-saħħa mentali: il-kriżi klimatika għandha impatt dirett u indirett fuq is-saħħa mentali tan-nies. Id-diżastri naturali huma l-aktar eżempju notevoli. Fl-Istati Uniti nħolqot dixxiplina medika ġdida – l-ekopsikoloġija – biex jiġi studjat dan il-fenomenu.

3.6. It-tranżizzjoni tal-enerġija tista' tirnexxi biss jekk isservi l-interess pubbliku: trid tkun ibbażata fuq in-nies u sservi lin-nies. Dan ifisser li huma meħtieġa miżuri ta' ridistribuzzjoni finanzjarja, iżda dan mhux biżżejjed biex tiġi indirizzata l-kriżi. Inizjattivi preventivi u strutturati fil-livelli kollha ta' governanza huma supplimenti essenzjali ta' strumenti ta' ridistribuzzjoni finanzjarja li mhux biss jistgħu jimmitigaw iżda wkoll ireġġgħu lura r-riskji tal-faqar enerġetiku ([8]).

3.7. It-tranżizzjoni lejn enerġija ġdida tista' tipproduċi effetti ta' xokk fuq is-suq tax-xogħol u setturi b'introjtu baxx bħat-trasport, il-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni. Ir-riskji tal-qgħad għall-gruppi emarġinati impjegati f'setturi vulnerabbli għadhom għoljin, u fl-istess ħin hemm aċċess limitat għall-opportunitajiet għall-immigranti u r-refuġjati fit-tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika. Huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li din it-tranżizzjoni tkun ġusta u li jiġi pprovdut żvilupp tal-ħiliet għall-ekonomija ekoloġika, pereżempju, billi jiġu eżaminati l-isfidi li jiffaċċjaw il-ħaddiema tal-kostruzzjoni fl-adattament għall-prattiki tal-bini sostenibbli u l-ħtieġa għal programmi ta' taħriġ mill-ġdid.

3.8. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza r-rwol primarju tal-edukazzjoni u l-bini tal-kapaċità li jawtonomizzaw lill-gruppi vulnerabbli biex jirrispondu għat-tibdil fil-klima. L-esplorazzjoni ta' approċċi innovattivi għall-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima fost il-komunitajiet emarġinati u l-eżami tal-potenzjal għal programmi ta' żvilupp tal-ħiliet biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament ta' gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari permezz tal-istudju ta' programmi edukattivi dwar it-tibdil fil-klima mmexxija mill-komunità f'viċinati żvantaġġati u l-impatt tagħhom fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-kapaċità ta' adattament, huma ta' importanza primarja.

([6]) L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), *Climate Change Impacts on Air Quality* (L-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-kwalità tal-arja [mhux disponibbli bil-Malti]), Washington DC: L-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA), 2021.

([7]) Grupp ta' Esperti tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati, *Considerations Regarding Vulnerable Groups, Communities and Ecosystems in the Context of the National Adaptation Plans* (Kunsiderazzjonijiet Rigward Gruppi Vulnerabbli, Komunitajiet u Ekosistemi fil-Kuntest tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Adattament [mhux disponibbli bil-Malti]), Appendiċi B.

([8]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-indirizzar tal-faqar enerġetiku u r-reżiljenza tal-UE: l-isfidi minn perspettiva ekonomika u soċjali" (ĠU C 486, 21.12.2022, p. 88).

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, inklużi l-Ukrajna u l-Moldova, pajjiżi qed jesperjenzaw varjabbiltà staġjonali dejjem akbar, li thedded l-ekonomiji fil-biċċa l-kbira agrarji tagħhom u l-għajxien tal-bdiewa fuq skala żgħira ([9]). F'pajjiżi bħall-Polonja u l-Ungerija, il-komunitajiet b'introjtu baxx li jgħixu f'żoni urbani spiss jiffaċċjaw livelli ogħla ta' tniġġis tal-arja, li huma aggravati mill-impatti tat-tibdil fil-klima bħal mewġiet ta' sħana u bidliet fix-xejriet tal-preċipitazzjoni. Il-Belarussja u l-Ukrajna rreġistraw żieda qawwija fin-nirien forestali minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu, li għandhom impatt sinifikanti fuq il-komunitajiet rurali u l-ħabitats tal-organiżmi selvaġġi ([10]).

4.2. Fir-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda tal-Ewropa, b'mod partikolari Greenland, il-komunitajiet indiġeni jiffaċċjaw theddid għall-istili ta' ħajja tal-kaċċa u s-sajd tradizzjonali tagħhom minħabba t-tidwib rapidu tal-permafrost, li jhedded l-ekosistema kif ukoll l-ekonomija lokali u l-gruppi vulnerabbli ([11]). Fiċ-Ċirku Artiku, il-komunitajiet tas-Sami indiġeni fl-Iskandinavja tat-Tramuntana qed jaraw it-trobbija tradizzjonali tagħhom tar-renni u l-għajxien tas-sajd mhedda mit-temperaturi li qed jogħlew u t-tibdil tal-ekosistemi ([12]).

4.3. It-tnaqqis fil-kwalità tal-arja minħabba l-kriżi klimatika x'aktarx li jaffettwa s-saħħa fiżika u mentali ta' gruppi vulnerabbli fil-bliet kbar ħafna tar-reġjun MENA. Bliet bħall-Kajr, Tehran jew Istanbul x'aktarx li se jiffaċċjaw sfidi formidabbli fil-futur qrib.

4.4. Fix-Xlokk tal-Ewropa, speċjalment fil-Bulgarija u r-Rumanija, pajjiżi jkollhom jindirizzaw inċidenti bla preċedent ta' għargħar u uqigħ tal-art, li għandhom impatt serju fuq komunitajiet b'introjtu baxx li ma għandhomx riżorsi għall-ġestjoni tad-diżastri ([13]). Il-pajjiżi fix-Xlokk tal-Ewropa kollu, inklużi l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq, instabu li huma partikolarment suxxettibbli għal mewġiet ta' sħana, nixfiet u nirien fil-foresti minħabba t-tibdil fil-klima, li prinċipalment jaffettwaw il-popolazzjonijiet rurali u anzjani ([14]).

4.5. Il-pajjiżi tal-Mediterran, bħal Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Portugall u Spanja, jiffaċċjaw riskju akbar ta' tnaqqis fil-livelli ta' xita, mewġiet ta' sħana li jwasslu għad-deżertifikazzjoni u skarsezza tal-ilma. Dawn il-kundizzjonijiet jaffettwaw b'mod sproporzjonat il-komunitajiet rurali, kostali u tal-gżejjer, b'mod partikolari dawk li jiddependu mill-biedja ([15]).

4.6. In-nirien forestali ta' dimensjonijiet bla preċedent joħolqu sfida formidabbli għas-sigurtà u l-benessri ta' gruppi vulnerabbli madwar il-Mediterran ([16]). In-nirien katastrofiċi fil-foresti tas-sajf tal-2022 fil-parti tat-Tramuntana tal-gżira Griega ta' Euboea, u fid-distrett ta' Evros fil-Greċja fis-sajf tal-2023, qerdu l-attivitajiet ekonomiċi agrikoli u forestali kollha u servew bħala tfakkira iebsa ħafna dwar iż-żieda fir-riskji li jiffaċċjaw gruppi vulnerabbli fl-Istati Membri Mediterranji tal-UE.

4.7. Il-komunitajiet tal-gżejjer u tal-kosta fil-Mediterran jiffaċċjaw riskji konsiderevoli minħabba l-għargħar u l-erożjoni. It-tnejn li huma jippreżentaw ukoll theddida formidabbli għall-wirt naturali u kulturali tal-Mediterran ([17]).

4.8. Fi bliet kbar ħafna bħal Milan u Pariġi, l-effetti ġżira ta' sħana urbana jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-saħħa taċ-ċittadini kollha u jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni ekonomikament żvantaġġati u lil dawk b'kundizzjonijiet tas-saħħa. Dawn huma aggravati min-nuqqas ta' spazji ħodor u kwistjonijiet ta' kwalità tal-akkomodazzjoni ([18]).

Brussell, it-13 ta' Diċembru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

([9]) *Climate change and agriculture in Eastern Europe* (It-tibdil fil-klima u l-agrikoltura fl-Ewropa tal-Lvant [mhux disponibbli bil-Malti]), 2022.

([10]) *Forest Fires and Climate Change in Eastern Europe* (In-nirien fil-foresti u t-tibdil fil-klima fl-Ewropa tal-Lvant [mhux disponibbli bil-Malti]), 2023.

([11]) Indigenous Adaptation in the Arctic (Adattament Indiġenu fl-Artiku [mhux disponibbli bil-Malti]), 2023.

([12]) Forbes et al., 2022.

([13]) Rasul & Balica, 2023.

([14]) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2023.

([15]) Climate change and desertification in Southern Europe (It-tibdil fil-klima u d-deżertifikazzjoni fin-Nofsinhar tal-Ewropa [mhux disponibbli bil-Malti]), 2023.

([16]) Angela Symons, *The Era of "Mega Forest Fires" Has Begun in Spain. Is Climate Change to Blame?* (Bdiet l-era tan-nirien enormi fil-foresti fi Spanja. Kaġun tat-tibdil fil-klima? [mhux disponibbli bil-Malti]), Euronews, 27.3.2023.

([17]) Lena Reimann et al., *Mediterranean Unesco World Heritage at Risk from Coastal Flooding and Erosion Due to Sea-Level Rise* (Il-Wirt Dinji tal-Unesco fil-Mediterran jinsab f'riskju mill-għargħar u l-erożjoni kostali minħabba ż-żieda fil-livell tal-baħar [mhux disponibbli bil-Malti]), Nature Communications, Vol. 9, nru 1 (2018).

([18]) Nidhi Singh, Saumya Singh and RK Mall, Urban Ecology and Human Health: Implications of Urban Heat Island, Air Pollution and Climate Change Nexus (L-Ekoloġija Urbana u s-Saħħa tal-Bniedem: l-implikazzjonijiet tal-effetti ġżira ta' sħana urbana, it-tniġġis tal-arja u t-tibdil fil-klima jieħdu xejra ġdida [Mhux disponibbli bil-Malti]), Urban Ecology: Elsevier, 2020.